





L-Artiklu ta' qabel >


# Transport Malta jiffirmaw kuntratt ma’ CAR2GO

Ott 24, 2017 16:14 Miktub minn iNews




Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Ian Borg indirizza konferenza tal-aħbarjiet fl-okkażjoni tal-iffirmar ta' kuntratt bejn Transport Malta u CAR2GO Israel.  Dan il-kuntratt ser jintroduċi is-servizz ta' *car sharing*  ta' karozzi elettriċi li ser ikun pass kbir 'il quddiem favur l-ambjent u l-elettrifikazzjoni tas-sistema tat-trasport tagħna. Is-servizz se jopera taħt il-marka globali *GoTo – Anytime Anywhere*. Il-kumpanija intgħażlet wara li fix-xhur li għaddew l-Awtorità ħarġet sejħa pubblika internazzjonali għal dan il-għan.

Il-kunċett ġie mniedi f'waqtu, wara li ġew imħabbra numru ta' skemi oħra tal-*budget* maħsuba sabiex immexxu l-evoluzzjoni tas-sistema tat-trasport ta' pajjiżna. Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Borg tkellem dwar l-importanza ta' *modal shift* mill-vettura privata għal alternattivi oħra, kif ukoll tal-kunċett ta' *sharing transport*, kemm minħabba l-ostaklu tal-konġestjoni tat-traffiku, kif ukoll favur ambjent aktar nadif.

CAR2GO Israel se tkun qiegħda tipprovdi servizzi ta' *car-sharing* f'pajjiżna, b'investiment totali ta' 'l fuq minn €8 miljun. Il-flotta se tkun tkopri varjetà ta' vetturi ta' klassijiet differenti, li tinkludi vannijiet

kummerċjali, li jistgħu jiġu misjuqa minn membri abbonati bi ħlas minn parkeġġ esklussiv għall-ieħor. Dr Borg esprima s-sodisfazzjon tiegħu bil-fatt li l-flotta ta' 150, li ser tintuża kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, se tkun waħda elettrika. Dan l-avvanz pożittiv fis-sistema tat-trasport jiġi wkoll bl-investiment sostanzjali mill-kumpanija, fejn se żżid iċ-*charging points* ta' pajjiżna b'225 pilastru ġdid. Dan ifisser li se f'Malta se jkun hawn 450 *charging point* ġdida. Meta żżid dan in-numru mal-102 li huma tal-Gvern u li diġà huma mwaħħlin, iċ-ċifra taqbeż l-għan stipulat mill-UE għal 500 sa 2020 b'52*point*. Il-Ministru żied jgħid li Malta qed timmira li tilħaq dawn l-għanijiet sentejn qabel l-iskadenza stipulata.

Dr Borg spjega kif dan l-investiment huwa wieħed strateġiku, u qal li flimkien mal-kisba tal-għan taċ-*charging points*, flotta mdaqqsa bħal din se tagħti wkoll kontribut għall-għan li Malta jkollha minn tal-inqas 5,000 vettura elettrika reġistrata sal-2020. Huwa qal ukoll li dan is-servizz ser jagħti ċans lill-pubbliku biex jekk irid jipprova l-vettura elettrika qabel jinvesti fil-konverżjoni mill-karozzi *petrol* jew *diesel* għal din l-alternattiva aktar nadifa u aktar effiċjenti. Il-Ministru żied jgħid li dan l-investiment ġdid minn kumpanija barranija ser jiġġenera l-impjiegi hekk kif ser naraw l-impjegar ta' 25 persuna għall-immaniġjar tas-servizz.

Dawn il-vetturi se jkollhom biss permess li jużaw spazji ta' parkeġġ allokati apposta għalihom, li se jkunu mqassma b'mod ġust f'madwar 40 post fi rħula u bliet differenti. Il-postijiet se jiġu identifikati minn Transport Malta permezz ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rispettivi, sabiex ma jkunx hemm impatt negattiv fuq il-parkeġġi fit-toroq, u se jkunu ffukati f'postijiet li jsofru minn problemi kbar ta' parkeġġ. Filfatt, il-konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali bdiet qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħa s-sena l-oħra permezz tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Il-Ministeru qiegħed jintroduċi dan is-servizz bl-għan li jħajjar lin-nies jagħmlu użu konġunt tal-vetturi, billi jagħmlu użu temporanju minn vettura, minflok tinxtara l-ewwel jew saħansitra t-tieni karozza. Skont riċerka li saret, karozza privata tal-passiġġieri tagħmel bejn 85% u 90% tal-ħin tagħha f'parkeġġ, u meta din ma tkunx f'garaxx, tkun qiegħda tieħu spazju fit-triq li jista' jiġi utilizzat b'mod aħjar mit-trasport pubbliku u miċ-ċiklisti. Permezz ta' servizzi bħal dan, fejn tagħmel użu minn karozza biss meta jkollok bżonn u b'mod konġunt mat-trasport pubbliku, sid potenzjali ta' karozza jiffranka l-ħin u l-flus, bi spiża ħafna inqas mix-xiri, manutenzjoni u operat li tirrikjedi karozza personali.

Membri tas-servizz jistgħu jirriżervaw vettura permezz ta' *mobile app*, *web apps* oħrajn, jew permezz ta' telefonata, u jistgħu jaċċessaw il-vettura permezz ta' RFID card. L-utenti jsuqu lilhom infushom u jħallsu skont kemm idumu jużaw il-karozza.

Dr Borg fakkar lill-udjenza li din l-inizjattiva taqa' fi ħdan il-Pjattaforma Nazzjonali tal-Elettromobbiltà għal Malta. Din, magħrufa bħala MNEP ġiet imwaqqfa f'Diċembru 2013 bejn il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u Transport Malta, bl-għan li tippromwovi u twassal l-elettrifikazzjoni tat-trasport f'Malta. Rwol ieħor tal-MNEP huwa li timplementa il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni għall-Elettromobbiltà f'Malta (MNEAP), li ġie mniedi flimkien mal-Pjattaforma fl-istess sena. Il-MNEAP jinkludi wkoll numru ta' azzjonijiet bħal miżuri

politiċi, grants finanzjarji, u proġetti pilota u infrastrutturali relatati sal-2020. Il-MNEAP għaddejja minn aġġornar sabiex tieħu kont ta' żviluppi f'dan is-settur, li jinkludi id-dikarbonizzazzjoni tat-trasport fl-art f'Malta, l-introduzzjoni ta' kunċetti ġodda u innovattivi ta' mobbiltà sostenibbli, u l-implementazzjoni ta' sistemi ta' trasport intelliġenti.

Il-Ministru għamilha ċara li dan is-servizz m'għandux jiġi mħallat ma' oħrajn li jwaqqgħu l-prezzijiet kompetittivi ta' operaturi ta' karozzi misjuqa minn xufiera. Dawn is-servizzi l-oħra diġà ġew irrifjutati

## Simili



L-Istati Uniti tibgħat ajruplani stealth lejn il-Korea ta' Fuq




€6,305 multa wara li nqabad dieħel Malta b'iktar minn €10,000



'Kont qiegħda nidħak b'da kien qiegħed jgħid Beppe mhux bil-qtil ta' DCG'

Midja Soċjali:

Agħżel storja li tixtieq tikkummenta dwarha u agħfas fuq il-ħolqa "ikkummenta" li tinsab taħt l-artiklu.

Wara dan tinfetaħlek tieqa fejn tintalab tirreġistra. Agħfas fuq "irreġistra" u imla d-dettalji kif mitlub. Importanti li kull dettall